- ***INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATTI –***

***- Art. 1002 - Kap 16.- CONTRA SCRIPTUM NON EST ARGUMENTUM -***

- ***MIN JALLEGA IRID JIPPROVA –***
- ***RELAZZJONI GURIDIKA –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 9**
**Citazzjoni Numru: 70/96/RCP**

**Alexander u Gabriella konjugi Ellul**

**vs**

**Boris Onoprienko u Vladimir Plotnikov**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:

Illi l-attur Alexander Ellul jagixxi bhala *freelance salesman* billi jixtri prodotti minn ditti u jbieghhom lill-konsumatur;

Illi l-attur Alexander Ellul huwa kreditur tal-konvenuti, Boris Onoprienko u Vladimir Plotnikov fis-somma ta' tliet elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) rapprezentanti prezz ta' *air conditioners* lilhom mibjugha u konsenjati fuq ordni taghhom stess;

Illi l-konvenuti nterpellati biex ihallsu din is-somma baqghu inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li d-dejn huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-atturi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba ghall-hlas tal-atturi;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex in vista tal-premess:

1. Tiddeciedi skond it-talba d-dispensa tas-smiegh a tenur tal-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tliet elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) rapprezentanti prezz

ta' *air conditioners* lilhom mibjugha u kkonsenjati fuq ordni taghhom stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 u 6 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Jannar 1996 a fol. 7 fejn appuntat il-kawza ghat-12 ta' Jannar 1996 u ordnat in-notifika tac-citazzjoni u l-atti relattivi lill-partijiet permezz tal-purtier.

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar 1996 fejn il-Qorti laqghat it-talba tal-konvenuti biex dawn jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom ghal dan il-ghan ipprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-18 ta' Jannar 1996 a fol. 11 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, l-irregolarita' tal-procedura *stante* li ghalkemm l-attur ghazel azzjoni kongjunta kontra l-konvenuti t-tnejn, ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuti kienet individwali u distinta minn wiehed ghall-iehor.  Ghalhekk l-attur ma setax jitlob il-pagament tal-prezz komplessiv ta'

zewg fatturi mahrugin separatament fuq il-konvenuti, minghand kull parti individwalment.

2. Illi preliminarjament, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet kif jirrizulta car mill-fatturi hawn esebiti a Dok. "SC1" u "SC2".

3. Illi l-ammont stipulat fic-citazzjoni huwa eccessiv peress li l-konvenuti kienu effettwaw pagamenti akkont ta' Lm250 (mitejn u hamsin liri Maltin) *in contanti*, u zewg pagamenti ohra ta' 2236 USD-il wiehed permezz ta' *bank transfers* mill-Bank of Valletta International.

4. Illi billi ma kienx hemm ftehim dwar il-prezz, l-ammont pretiz huwa ferm in eccess ghal dak li huwa ragjonevolment pagabbli.

5. Illi, inoltre, l-ammont stipulat mill-atturi mhux dovut peress illi x-xoghol ta' nstallazzjoni tal-*airconditioning units* ma kienx gie kompletat skond is-sengha u arti tant li l-eccipjenti ma jistghux jaghmlu uzu minnhom ghall-iskop li ghalih tqieghdu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 12 u 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta' April 1996 fejn il-kawza giet differita *'sine die'.*

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-8 ta' Mejju 1996 a fol. 17 b'talba ghal riappuntament tal-kawza. Rat id-digriet tal-Qorti fejn laqghat it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-28 ta' Ottubru 1996.

Rat il-verbali tat-28 ta' Ottubru 1996; tal-4 ta' Novembru 1996 fejn deher Dr. Chris Cilia li assuma l-patrocinju tal-atturi, li nforma lill-Qorti li l-konvenuti jinsabu assenti mill-gzejjer u bi hsiebu jipprezenta rikors ghall-legittimazzjoni tal-atti; tal-11 ta' Dicembru 1996 fejn deher il-konvenut Onoprienko assistit minn Dr. Sandra Caruana. Dr. Caruana ddikjarat li fil-fatt il-konvenuti huma residenti permanenti hawn Malta u li l-konvenut l-iehor ghandu jirritorna Malta ghall-ahhar tax-xahar. Aktar tard deher ukoll Dr. Chris Cilia li pprezenta nota b'dokument wiehed biex jirribatti l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Rat il-verbali tal-21 ta' Frar 1997 fejn deher Dr. Christian Farrugia ghall-konvenuti li ddikjara li wara li ezamina d-Dokument FGC1 pero' baqa' jsostni l-eccezzjoni ta' l-illegittimita' billi wara li sar il-ftehim originali kien sar ftehim iehor kif jidher mill-*invoices* rilaxxjati mill-atturi; tal-5 ta' Mejju 1997 fejn xehed l-attur minn jeddu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' rapport guridiku.

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju 1997 fejn il-kawza giet deciza in parte u d-decizjoni in parte datata 9 ta' Mejju 1997 a fol. 34 tal-process.

Rat is-sentenza in parte a fol. 34 sa 39 tal-process, fejn il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' rapport guridiku sollevata mill-konvenuti.

Rat il-verbali tas-16 ta' Gunju 1997; tat-23 ta' Jannar 1998 fejn xehed Spas Netkov bil-lingwa Ngliza. Xehed ukoll l-attur. Dr. Cilia iddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar; tat-22 ta' Mejju 1998 fejn Dr. Christian Farrugia ddikjara li l-konvenuti huma ta' nazzjonalita' Russa u ghaldaqstant la jafu jitkelmu bl-Ingliz u wisq anqas bil-Malti. Huwa talab lil Qorti biex ikunu jistghu jressqu l-provi taghhom bil-procedura tal-affidavit bil-lingwa Russa u li l-istess affidavits jigu tradotti fl-Ingliz minn traduttur kompetenti li mbaghad huwa stess jaghmel affidavit li qeda onestament u fedelment l-inkarigu tieghu ta' traduttur. Il-Qorti laqghat it-talba bl-accettazzjoni li l-konvenuti mhux biss jipproducu x-xhieda taghhom b'din il-procedura imma l-provi taghhom kollha sa fejn possibbli.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-24 ta' Gunju 1998 li biha pprezentaw l-affidavits taghhom, esibita a fol. 59 sa 74.

Rat il-verbali tas-26 ta' Gunju 1998; tat-12 ta' Frar 1999 fejn fuq talba tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti nnominat lil Dr. Norman Shaw biex waqt id-depozizzjoni tal-konvenuti

jaghmel it-traduzzjoni mir-Russu ghall-Malt; tas-26 ta' Mejju 1999. In vista li t-traduttur huwa tabib u jkun okkupat l-isptar, fuq suggeriment tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti nnominat lil Dr. Maria Dolores Gauci bhala Assistent Gudizzjarju biex tisma' l-kontro-ezami tal-konvenuti. Rat il-verbali tas-6 ta' Ottubru 1999; tal-4 ta' Frar 2000 fejn Dr. Gavin Gulia nforma lill-Qorti li Dr. Norman Shaw indika li ma jixtieqx jibqa' fl-inkarigu u ghaldaqstant bl-adezzjoni ta' Dr. Farrugia bi hsiebu jipprezenta nota biex jindika tradduttur iehor. Il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta

Rat il-verbali tas-17 ta' Ottubru 2000; tal-21 ta' Novembru 2000; tas-6 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti ordnat li d-difensuri tal-partijiet fi zmien hmistax-il gurnata jindikaw isem ta' nterpretu biex jigi nominat; tal-4 ta' April 2001; tas-17 ta' Mejju 2001; tal-10 ta' Ottubru 2001 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex izomm l-ahhar seduta fil-5 ta' Dicembru 2001 biex jinghalqu l-provi tal-partijiet u biex l-Assistent Gudizzjarju tespleta l-inkarigu taghha; tal-15 ta' Jannar 2002 fejn Dr. Luciano Busuttil irrinunzja ghall-kontro-ezami tal-konvenut. L- Assistent Gudizzjarju rritornat l-inkartament taghha. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni. Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2002. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attur ghall-prezentazzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika tal-kontro-parti li jkollha l-istess terminu biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-lum 30 ta' Mejju 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din il-kawza saret mill-attur stante li huwa qed jallega li biegh lill-konvenuti diversi *air conditioners* verso il-prezz inkluz bil-V.A.T ta’ Lm3,100, liema ammont baqa’ ma thallasx mill-konvenuti u ghahekk saret il-kawza odjerna ghall-hlas tal-istess.

Illi l-konvenuti ressqu diversi eccessjonijiet fejn kkontendew li tali hlas ma huwiex dovut peress li allegaw li l-attur ma setghax jaghmel kawza konguntivva kontra z-zewg konvenuti ghaliex ir-relazzjoni kienet wahda individwali; li hemm nuqqas ta’ relazzjoni guridika peress li skond il-fatturi Dok. “SC1” u Dok. “SC2” ir-relazzjoni ma kienitx mal-attur; li kienu hallsu l-ammont ta’ Lm250 u zewgt pagamenti ohra ta’ 2236 USD permezz ta’ bank transfers mill-Bank of Valletta International; li ma kienx hemm ftehim dwar il-prezz u ghalhekk l-ammont mitlub huwa eccessiv; u li l-installazzjoni tal-istess apparat ma saritx skond is-sengha u l-arti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li bejn il-partijiet kienet saret skrittura privata datata 9 ta’ Dicembru 1994 ai termini ta’ liema l-attur biegh lill-konvenuti, hemm identifikati 3 *Dual*

*Split Airconditioners De Longhi* inkluz r-riggers sabiex l-istess jiddendlu bil-prezz ta' Lm2,775. Din l-iskrittura tinsab esebita a fol. 25 tal-process u hija iffirmata mill-partijiet kollha fil-kawza, l-attur bhala l-bejjiegh u l-konvenuti bhala ix-xerrejja.

Illi dwar dan l-istess konvenuti sostnew fl-ewwel eccezzjoni taghhom li l-istess apparat inxtara minnhom separatament u li ghalhekk il-kawza ma setghetx issir kif saret kontra iz-zewg konvenuti, izda kellha issir individwalment kontra kull wiehed rispettivament u dan abbazi tal-fatturi esebiti bhala Dok. "A" u "B" a fol. 14 u 15 tal-process; it-tieni eccezzjoni hija fis-sens li abbazi tal-istess fatturi r-relazzjoni tal-konvenuti kienet mas-socjeta' Sasso Supplies Limited indikata fuq l-istess fatturi.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni hemm is-sentenza in parte minn din il-Qorti diversament presjeduta datata 9 ta' Mejju 1997 fejn inghad li :-

*"Dan il-kuntratt, immarkat bhala Dok. "FGC" u esebit a fol.25, ma jhalli l-ebda dubju li n-negozju 'de quo agimus' kien sar bejn l-attur min-naha l-wahda u z-zewg konvenuti min-naha l-ohra. Dippiu', l-attur xehed u kkkonferma li l-kontenut ta' dan il-ftehim u xehed li hu kien ikkuntratat personalment miz-zewg konvenuti. Fir-rigward taz-zewg 'invoices', huwa iggustifika l-ezistenza taghhom billi spjega lill dawn kien harighom biex jissodisfa l-esigenzi tas-sistema tat-Taxxa tal-VAT billi din kienet ghada kif giet*

*introdotta u kien giemoghti l-parir mill-ersonnel inkarigati mill-gbir taghha li huwa kellhu jiccargja l-VAT fuq dan il-kuntratt u kien kostrett lijuza n-numru tal-VAT tal-kumpanija billi, bhala individwu ma kienx registrat bil-VAT number".*

*"Din l-ispjegazzjoni hija plawsibbli u, fil-fehma tal-Qorti, l-esitentenza taz-zewg fatturi bl-ebdamod ma tista' tinnewtralizza l-prova li saret bl-esebizzjoni tal-kuntratt Dok. "FGC1".*

*"Din il-Qorti, ghalhekk, fl-istat processwali tal-provi, thoss li l-atturi rnexxilhom jipprovaw li l-konvenuti kkontrattaw ma' l-attur personalment u mhuxmal-kumpanija imsemmija".*

Illi din il-motivazzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta, li maghha din il-Qorti taqbel, b'hekk iddispensat mit-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u fil-fatt l-istess argumentazzjoni tapplika sabiex tigi deciza wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, stante li mill-istess skrittura privata datata 9 ta' Dicembru 1994 jirrizultali l-ftehim ta' bejgh tal-istess apparat sar bejn l-attur u l-istess zewg konvenuti flimkien, li t-tnejn li huma huma mhux biss indfikati bhala xerrejja fl-istess ftehim, izda addirittura hemm il-firem rispettivi taghhom fuq l-istess inkartament, u dan ma jhalli l-ebda dubju li x-xerrejja tal-istess apparat kienu iz-zewgt konvenuti flimkien, u la darba li *l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu l-uzu tieghu fiz-zmien tal-kuntratt hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni"* kollox skond l-**artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

(**"Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et"** – P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000) *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita min xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xeureb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997)".*

*"Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju contra scriptum non est argumentum, li jibqa japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa min xi element kostitutiv taghha, prova li ovvjament f'din l-kawzi ma ingabhitx, u lanqas hija biss allegata. **("Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia et nomine" -** A.C. 28 ta' Frar 1997)".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel eccezzjoni tal-koncvenuti wkoll qed tigi michuda stante li mill-istess skrittura esebita bhala Dok. "FGC1" jirrizulta li z-zewgt konvenuti flimkien kienu il-kontraenti tal-istess ftehim ta' xiri tal-istess apparat ta' arja kondizzjonata minghand u mal-attur.

Illi it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li huma ghamlu pagamenti akkont ta' Lm250 in kontanti u zewg t-

trasferiment ta' 2236 USD il-wiehed permezz ta' *bank transfers* mill-Bank of Valletta International. Illi huwa ovvju li l-oneru tal-prova ta' dan il-hlas allegat mill-konvenuti tinkombi fuq l-istess konvenuti stante li l-allegazjoni hija taghhom **("Alfred Briffa et vs Anthony Borg et" –** P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001; **"Stephen Busuttil Naudi vs Carmelo Pirotta"** (P. A. (RCP) 28 ta' Frar 2002).

Illi fl-affidavits taghhom l-istess konvenuti jallegaw li huma hallsu l-ammont ta' Lm379 permezz ta' cheque datat 5 ta' Jannar 1995 (Dok. "Vo 1"), l-ammont ta' Lm379 ohra permezz ta' cheque datat 1 ta' Frar 1995 (Dok. "Vo 2" u l-ammontta' Lm810 permezz ta' cheque datat l-ta' Frar 1995 (Dok. "Vo 3) u b'hekk qed isostnu li huma hallsu l-ammont ta' Lm1,568 komplessivament.

Illi pero' minn harsa ta' l-istess dokumenti fuq indikati jirrizulta li l-istess cheques gew mahruga mis-socjeta Medlink Limited u mhux mill-konvenuti, u ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kawza odjerna stante li r-relazzjoni dwar l-apparat mertu tal-kawza odjerna kienet bejn l-attur u l-istess konvenuti personalment.

Illi apparti dan jirrizulta li l-ammont ta' Lm810 indikat b'ricevuta mill-attur favur Medlink ma ghandhux x'jaqsam xejn mal-kawza odjerna u certament ma jirreferhiex ghall hlas tal-apparat mertu ta' din il-kawza stante li lanqas ir-ricevuta ma inharget favur il-konvenuti. Fil-fatt l-konvenut Vladimir Plotnikow fil-kontro-ezami tieghu tas-26 ta' Lulju

1999 sostna li b'riferenza ghall-istess li l-unika kuntratt li kellhu ma Sasso kien dwar l-airconditioners u jidher li s-socjeta' Sasso ma kellhix x'taqsam man-negozju odjern, li huwa dak mal-attur personalment.

Illi dwar l-allegati pagamenti ohra ta' Lm379 il-wiehed u indikati bhala Dok. "Vo – 1" a fol. 70 tal-process u Dok. "Vo – 2" a fol. 73 tal-process dawn jirrizultaw li saru lill certu Charles Schembri mis-socjeta' Medlink Limited u ghalhekk ma jidhirx lanqas li ghandhom x'jaqsmu mal-pendenza odjerna, u dan apparti l-ircevuta mahruga fuq ammont minnhom ta' Lm370 mill-istess C. Schembri datata 28 ta' Settembru 1994, li ma jista jkun qatt li tirreferi ghall ftehim odjern li gie iffirmat biss fid-9 ta' Dicembru 1994 kif jirrizulta mid-Dok. "FGC1" premess.

Illi fl-ahharnett dwar l-ammont ta' Lm1,150 imhallas permezz ta' cheque numru 51 datat 23 ta' Settembru 1995 minn Boris u Natalia Onoprienko u esebit bhala Dok. "Vo – 4 a fol. 69 tal-process dan jidher li jirreferi ghall hlas ta' Pentium Laser, Computor u Color Printer skond fattura ghall-istess oggetti u ghall-istess prezz datata 15 ta' Settembru 1995 u esebita a fol. 82 tal-process.

Illi ghalhekk minn dan kollu ma jirrizultax li l-konvenuti ppruvaw li saru minnhom l-pagamenti allegati fuq din il-pendenza mal-attur, anzi jirrizulta l-kuntrarju, u jidher car li in vista tad-dokumenti esebiti u l-affidavits tal-istess konvenuti, ix-xhieda taghhom ma hija bl-ebda mod

kredibbli, anzi hija kontradetta mill-istess dokumenti innifishom, fejn jidher car li l-istess konvenuti ghamlu minn kollox sabiex jizvijaw lill-Qorti fil-konkluzzjonijiet taghha, u ix-xhieda taghhom hija totalment inattendibbli, u mhux verosimili, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi rigettata. Fil-fatt wiehed jinnota wkoll li l-kontenut tar-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-konvenuti li jirreferi ghall din it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, ma jaqbilx mal-pagamenti li l-konvenuti sostnew fl-affidavits rispettivi taghhom li huma identici jew kwazi identici ghall xulxin, u dan ikompli 'naqqas il-kredibilita' tal-istess konvenuti u x-xhieda minnhom prodotti. Illi ma dan jizdied li huwa stramb kif l-istess konvenuti eccepew li ma ghandhom l-ebda relazzjoni mal-attur u imbaghad isostnu li ghamlu hlasijiet akkont kwazi tas-somma kollha, u mbaghad jippretendu li l-versjoni taghhom ta' hlas hija kredibbli. Illi fl-ahharnett dwar l-ammont ta' Lm250 li allegatament thallas fi flus kontanti lill-attur, dan lanqas gie korroborat u ghalhekk din it-tielet eccezzjoni ghandha tigi wkoll michuda *in toto.*

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni li ssostni li l-prezz mitlub huwain eccess ta' dak li huwa ragonevolment pagabbli, peress li ma kienx hemm ftehim dwar il-prezz, din hija wkoll bhal ebda fondament fattwali u guridiku peress li l-iskirttura privata tad-9 ta' Dicembru 1994 tindika b'mod car il-prezz tal-istess apparat, li jidher li gie miftiehem bejn il-partijiet.

Illi dwar il-hames eccezzjoni fejn il-konvenuti ecceppew li ix-xoghol ta' installazzjoni ma giex kompletat skond is-

sengha u l-arti din ukoll ma gietx sostanzjata sodisfacentement quddiem din il-Qorti, anzi jirrizulta li l-unika ilment li sar mill-konvenuti kien dwar pipe ta' ilma li kien hiereg mill-istess apparat, izda meta l-attur u Spas Nedkov marru sabiex jaraw u jirrimedja ghall-istess ilment, l-konvenuti qatt ma hallewhom jidhlu fl-istess lok fejn l-apparat kien installat, u ghalhekk anke f'dan il-kuntest l-eccezzjoni tal-konvenuti ma tregghiex. Apparti dan wiehed jinnota wkoll li minkejja fl-affadavits tal-konvenuti jinghad li gie esebit rapport ta' espert dwar l-istat allegatament difettuz tal-istess apparat, dan jidhirx li in effetti gie qatt esebit u ghalhekk anke ghalhekk l-istess allegazzjoni tal-konvenuti ma tregghiex; dan apparti li ma gabhu l-ebda xhud iehor sabiex jikkoroboraha t-tezi taghhom, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Illi rigwardanti l-ammont mitlub dan huwa ta' Lm3,100, pero' mill-iskrittura privata jidher li l-prezz pattwit kien ta' Lm2,775 u ghalhekk l-ammont li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu *ai termini* tal-istess ftehim huwa dak hemm indikat fl-istess ftehim.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici** limitament ghall-ammont hawn indikat, b'dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, sebgha mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm2,775) rapprezentanti prezz ta' *air conditioners* lilhom mibjugha u kkonsenjati fuq ordni taghhom stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv minn Gunju 1995 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**